MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 723/2002/1

**Jupiter Co. Ltd**

**vs**

**Carmelo Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Marzu 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u sbatax il-lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm817.21) rapprezentanti kwantu s-somma ta’ Lm608.00 bhala import ta’ sitt kambjali li mmaturaw (Dok. A sa F), kwantu ghas-somma ta’ Lm91.00 bhala ‘invoice’ mhux imhallsa (Dok. G), u kwantu ghas-somma ta’ Lm118.21 bhala ‘invoice’ mhux imhallsa (Dok. H).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-23 ta' Lulju, 200, tat-2 ta' Awissu, 200 u tat-13 ta' Settembru, 2001, u bl-ispejjes tal-Mandat ta' Qbidipprezentat kontestwalment, kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-maturita' tal-kambjali u tal-'invoices' precitati, sad-data tal-eventwali hlas, lkoll kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa ecceppixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li jekk kien hemm xi somma dovuta din ma baqghetx dovuta wara li sehhet tpacija bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici kif ser jirrizulta ahjar fil-mori tl-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Veronica Gauci u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Otubru 2002 fejn huwa eccepixxa n-nullita' tal-azzjoni attrici in kwantu tirrigwarda l-kambjali mmarkati bhala Dok. A4, A5, u A6 stante li l-istess kambjali m'humiex iffirmati mis-socjeta' attrici.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-digriet tat-23 ta' Ottubru 2002 fejn is-socjeta' attrici giet awtorizzata tirtira l-kambjali minnha prezentati fl-atti tal-kawza.

Ra d-digriet tad-9 ta' Dicembru 2002 fejn is-socjeta' attrici giet awtorizzata terga' tipprezenta sitt kambjali li jinsabu a fol. 53 et seq. tal-process.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2002 fejn huwa eccepixxa n-nullita' tal-kambjali kollha esebiti a fol. 53 tal-process stante li meta giet intavolata l-kawza ma kienx hemm il-firma tat-trajent fl-ebda wiehed minnhom, cioe' tas-socjeta' attrici li kienet id-drawer, liema nuqqas ma jistax jigi sanat.

Ha konjizzjoni tan-noti ta’ sottomssjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici jirrigwarda in kwantu ghas-somma ta’ Lm608.00 bhala import ta’ sitt kambjali li mmaturaw, in kwantu ghas-somma ta’ Lm91.00 bhala fattura mhux imhallsa u in kwantu in kwantu ghas-somma ta’ Lm18.21 bhala import ta’ fattura ohra mhux imhalsa.

Illi, kif diga’ ntqal aktar il-fuq, l-konvenut eccepixxa n-nullita’ tal-kambjali kollha esebiti a fol. 53 tal-process stante li meta giet intavolata l-kawza ma kienx hemm il-firma tat-trajent, u cioe’ tas-socjeta’ attrici, fl-ebda wahda minnhom u dan in-nuqqas ma jistax jigi sanat, kif fil-fatt sar meta s-socjeta’ attrici rtirat il-kambjali in kwistjoni u regghet prezentathom debitament iffirmati. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-**16 ta’ Jannar 2003** fil-kawza fl-ismijiet **‘John Giordmaina et vs Joseph Pace et’ (Citazzjoni numru 3391/96)** fejn f’kaz identiku ghal dak odjern il-Qorti qalet is-segwenti:-

***“F’dan il-kaz. L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq kambjala li, qed jigi allegat, hi nulla ghax tonqos il-firma tieghu fuq l-istess kambjala, biex jevita n-nullita’ l-attur qabad u ffirma l-kambjala fil-mori tal-kawza. Din il-Qorti ma tara xejn hazin f’dan kollu. Jekk hemm htiega ta’ xi firma bhala prova li l-kreditur accetta dik l-obbligazzjoni, din mhux mehtieg li ssir necessarjament dak il-hin li saret il-weghda mid-debitur. Fejn hu mehtieg li l-kreditur jaccetta obligazzjoni bil-kitba, din trid issir fuq l-istess dokument tal-obbligazzjoni izda mhux necessarjament kontestwalment (ara Vella vs Cassar deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta’ April 1967). Jekk hu permess li dokument jigi kompletat fi stadji, m’hemmx ebda raguni ghaliex dan ma jistax isisr fil-kors tal-kawza…………………M’hemmx kwistjoni li din il-kambjala giet iffirmata u moghtija lill-***

***atturi biex jimlewha. Dawn hekk ghamlu: Il-fatt li ghamlu dan fil-kors tal-kawza, jista' jkollu relevanza fuq l-ispejjes tal-kawza, izda ma jolqotx il-validita' ta' dak li sehh".***

Illi dan it-Tribunal jaqbel pjenament ma' din il-linja ta' hsieb espressa mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza hawn fuq imsemmija u konsegwentement jirritjeni li l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut in kwantu jirrigwarda n-nullita' tal-kambjali u n-nullita' tal-azzjoni attrici hija nfondata.

Illi fid-dawl tal-premess, it-Tribunal ser jghaddi issa biex jezamina l-mertu tal-kawza. Illi l-kambjali in kwistjoni inhargu in konnessjoni ma' negozju li sar bejn il-partijiet konsistenti f'bejgh ta' mutur 'outboard' mibjugh mis-socjeta' attrici lill-konvenut ghall-prezz ta' Lm2008.00. Il-konvenut hallas Lm1,100.00 mill-prezz ta' dan il-mutur skond ma' jirrizulta mix-xhieda ta' Veronica Gauci, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, u mid-dokumenti esebiti mill-konvenut stess a fol. 42. Is-socjeta' attrici xtrat mutur minghand il-konvenut ghal prezz ta' Lm400.00 u l-istess konvenut utilizza dawn il-flus sabiex jeffetwa pagament akkont in kwantu jirrigwarda l-prezz tal-mutur l-iehor. Veronica Gauci kkonfermat li l-bilanc ta' Lm817.21 ghadu dovut mill-konvenut. Fir-risposta tieghu il-konvenut eccepixxa t-tpacija izda fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2002 huwa sostna li huwa kien hallas il-pprezz tal-mutur u li ma kien dovut xejn aktar minnu lis-socjeta' attrici. It-Tribunal jiddubita serjament mill-kredibilita' tad-deposizzjoni tal-konvenut li l-ewwel sostna li huwa kien hallas dak kollu dovut minnu u susegwentement qal li s-socjeta' attrici kienet tibghatlu l-kambjali relattivi kull darba li kien jeffetwa pagament, gharaf il-firma tieghu fuq il-kambjali originali esebiti mis-socjeta' attrici u prova jispjega l-ezistenza ta' dawn il-kambjali billi allega li ***"fil-mument li ffirmajt il-kambjali, jista' jkun li jiena ma ghoddejtx l-ammont komplessiv ghal kemm kienu jammontaw dawn i-kambjali. Jiena qed insostni li s-socjeta' attrici harget kambjali wkoll ghall-ammont li kien jiswa' l-'outboard' illi jiena kont ikkonsenjajt lis-socjeta' attrici u cioe' l-outboard l-antik".*** Meta

rinfaccjat bid-dokument li jinsab esebit a fol. 43 tal-process, debitament iffirmat minnu, minn fejn jirrizulta li l-prezz tal-'outboard antik kien ta' Lm400.00 u mhux ta' Lm1,000.00 kif qed isostni hu, l-konvenut qal li meta ffirma dan id-dokument ma kienx hemm indikat ammont u li huwa ha r-riskju li jiffirma dan id-dokument minghajr ma jkun hemm indikat ammont, ghaliex kien jaf lis-Sur Gauci, u cioe' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Illi mill-prova jirrizulta ampjament li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sbatax il-lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm817.21), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment mal-Avviz, jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u ghal terz mis-socjeta' attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------